# ANNIVERSARJI

## DIN IS-SENA JAĦBAT …

### • 425 sena mill-ewwel żwieġ reġistrat fl-Isla (1587).

Għad illi l-knisja ta' Santa Marija tal-Vitorja fl-Isla kienet ilha li saret Parroċċa sa mill-1581, bl-ewwel Kappillan ikun Dun Anton de Nicolaci, għal xi żmien ċerti Sagramenti baqgħu jiġu amministrati u reġistrati fil-Parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu. Dan jidher ċar mir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li l-Isqof Tommaso Gargallo għamel fl-Isla fl-1585. Imbagħad, mis-sena 1587, beda jinżamm reġistru taż-żwiġijiet, li jindika li allura kienu tbiddlu ċ-ċirkustanzi, u ż-żwiġijiet bdew isiru fil-Parroċċa tal-Isla, u jiġu wkoll reġistrati hawnhekk. Ir-reġistru oriġinali li nbeda f'dik is-sena, jidher li wara ftit tas-snin beda jitmermer, u r-reġistrazzjonijiet ġew ikkupjati mill-ġdid f'reġistru li eventwalment, maqsum f'żewġ volumi u numru ta' faxxikli, baqa' jintuża' għal medda ta' 127 sena, sal-1714.



Ir-reġistrazzjoni tal-ewwel żwiġijiet fil-Parroċċa tal-Isla fl-1587.

Dan il-fatt juri illi wara biss sitt snin mit-twaqqif tal-Parroċċa, il-ħidma pastorali kienet qabdet ritmu tajjeb.

### • 375 sena mill-Viżta Pastorali tal-Isqof Mikiel Balaguer (1637).

F'Mejju tal-1637 saret fl-Isla Viżta Pastorali mill-Isqof Mikiel Balaguer, fi żmien il-ħames Kappillan Dun Mark Anton Ciappara. Din il-Viżta hija importanti għal aktar minn aspett wieħed; mhux l-inqas għall-fatt li tingħata deskrizzjoni dettaljata tal-istat tal-bini tal-knisja Parrokkjali fi żmienu, meta l-knisja oriġinali kienet qed tiġi mkabbra. Tant hu hekk, illi fir-relazzjoni ta' din il-Viżta, l-artali fuq in-naħa tax-xellug ma jissemmewx, sinjal illi kienu ġa tneħħew biex isir xogħol ta' tkabbir estensiv.



L-Isqof Michele Giovanni Balaguer de Camarese (1635 - 1663).

Imma din il-Viżta serviet ukoll biex tirreġistra b'mod mill-aktar emfatiku, illi d-devozzjoni lejn ix-xbieha ta' Marija Bambina, li kienet ilha li waslet fl-Isla b'mod providenzjali 19-il sena biss qabel, kienet waħda qawwija. Tant hu hekk illi r-relazzjoni enfasizzat li kien jitqaddes ħafna quddies fuq l-artal ta' quddiem din l-istatwa, u li ħafna Insara kienu qed jintefgħu jitolbu b'devozzjoni u b'radd il-ħajr għal xi grazzji li jkunu qalgħu. L-Isqof wera x-xewqa li din *"id-devozzjoni ma taqtax, u biż-żmien tibqa' tiżdied"*. Ta' min jinnota li dan l-artal kien għadu kif sar mill-ġdid fis-sena ta' qabel bħala parti mill-istrutturar estensiv tal-knisja.

### • 350 sena mill-bidu tal-ħidma tal-Oratorjani ta' San Filippu (1662).

Fis-sena 1661 xi saċerdoti Sengleani mmexxija minn Dun Xmun Schembri, kienu talbu biex



*Kwadru titulari bl-artal ta' San Filippu Neri li jinsab fil-Kappellun tal-lemin tal-Knisja tal-Porto Salvo. Dan tpitter lejn is-sena 1682 minn Don Pedro Numez de Villavicencio li kien kavallier tal-Ordni u dixxiplu ta' Mattia Preti.*

jingħataw f'idejhom il-Knisja ta' Santa Marija tal-Porto Salvo, biex hemmhekk iwaqqfu komunità ta' saċerdoti skont ir-Regola ta' San Filippu Neri. Din it-talba intlaqet mill-Isqof Mikiel Balaguer wara konsultazzjoni mal-Kappillan Dun Franġisk Azzopardi. Dan kien f'Mejju 1662. Appena ġiethom l-approvazzjoni tal-proġett, Dun Xmun u sħabu meddew għonqhom għall-ħidma sfiqa ta' pastorali f'dik ix-xaqliba tal-Isla. Biex ikollhom post adegwat minn fejn jaqdu l-missjoni tagħhom, u huma stess ikunu jistgħu jgħixu ħajja klawstrali, malajr waqqgħu xi djar ta' madwar il-knisja u bnew kunvent. Fl-istess ħin, huma ħasbu wkoll biex jibnu mill-ġdid, fuq qisien akbar u arkitettura isbaħ, il-knisja dedikata lill-Madonna tal-Porto Salvo. L-arkitett tal-knisja l-ġdida, dik li għadha wieqfa sal-lum, kien is-Senglean Karlu Vella. Filwaqt li t-titular baqa' dak tal-Madonna tal-Porto Salvo, kif xieraq, l-artal ewlieni fil-kappellun tal-lemin ġie dedikat lil San Filippu Neri. Maż-żmien, il-knisja stess bdiet tissejjaħ ta' San Filippu, għad li t-titular qatt ma nbidel.

- **325 sena mill-kontinwazzjoni tal-Parrokat ta' Dun Salv Fenech (1687).**

Ġrajja mill-istorja tal-Parroċċa, li bil-mentalità moderna tidher stramba u kompletament barra minn lokha, seħħet fis-sena 1687, meta Dun Salv Fenech, wara li rebaħ kawża f'Ruma, reġgħa inħatar Kappillan tal-Isla. L-istorja bdiet fis-sena 1676 meta wara l-mewt tas-sitt Kappillan Dun Franġisk Azzopardi, Dun Salv Fenech, b'digriet tal-Isqof Luca Bueno, ġie maħtur is-seba' Kappillan tal-Isla. Iżda fi żmien sentejn, fuq ordni tal-Inkwiżitur Ercole Visconti, Fenech tneħħa u minfloku nħatar Kappillan Dun Franġisk de Pena. Fenech appella din il-ħatra mill-Inkwiżitur, iżda tilef l-appell. Xorta waħda, Dun Salv deherlu li din l-ordni tal-Inkwiżitur, minkejja l-appell, ma kinetx valida, u għamel appell lis-Santa Sede f'Ruma, sabiex jiġi annullat id-digriet tal-Inkwiżitur, u hu jingħata lura t-tmexxija tal-Parroċċa tal-Isla. Is-smiegħ tal-appell f'Ruma dam iġebbed għal numru ta' snin, sa ma fl-1687 ingħatat sentenza favur Dun Salv, u għalhekk għat-tieni darba inħatar Kappillan tal-Isla. Iżda d-destin ried illi wara inqas minn sentejn huwa jmut fil-kariga. Id-difna tiegħu saret il-Mosta, raħal twelidu.




*L-ismijiet ta' Dun Salv Fenech u ta' Dun Franġisk De Pena minquxin darbtejn fil-lista tal-Kappillani li mexxew il-Parroċċa tal-Isla bejn l-1581 u l-1786 meta l-Parroċċa saret Kolleġġjata.*

- **300 sena mill-ftuħ mill-ġdid tal-Knisja ta' San Ġiljan (1712).**



*Il-faċċata tal-Knisja ta' San Ġiljan fis-snin ta' qabel il-gwerra. Tidher sewwa l-arkata għall-qanpiena li kien hemm fin-nofs ta' din il-faċċata.*

Lejn l-aħħar snin tas-seklu 17, il-knisja ċkejkna ta' San Ġiljan li kienet inbniet fl-1539, kellha ħafna ħsarat strutturali u kienet fil-periklu li tiġġarraf, tant li nħattet. Din il-knisja lanqas biss issemmiet fil-Viżta Pastorali li għamel fl-Isla fl-1700 l-Isqof Davide Cocco Palmieri. Iżda waqt l-istess Viżta, l-Isqof wera x-xewqa li dik il-knisja terġa' tinbena mill-ġdid, kif fil-fatt sar. Il-Knisja – dik li naraw wieqfa illum – inbniet fuq pjanti tal-arkitett rinomat Lorenzo Gafà, u ħafna mill-bini kien lest sas-sena 1710. Tant hu hekk li fuq il-faċċata tal-knisja, taħt l-istemma tal-Isqof Cocco Palmieri, hemm minquxa wkoll is-sena 1710. Imbagħad, sal-1712 tlestiet kompletament u infetħet mill-ġdid għall-kult billi reġgħet bdiet issir fiha l-ħidma li kienet issir qabel. Hekk li, minbarra li f'din il-knisja bdew isiru mill-ġdid il-funzjonijiet liturġiċi bħal qabel, bdiet ukoll l-użanza sabieħa u fejjieda li saċerdoti jagħtu, lit-tfal tal-Isla, lezzjonijiet mhux biss ta' natura reliġjuża u spiritwali, imma fi żmien meta ma kienux jeżistu skejjel tal-Istat, anke lezzjonijiet tal-grammatika u edukazzjoni ġenerali. F'dak iż-żmien, l-amministratur tal-knisja ta' San Ġiljan kien Dun Luqa Gaetano.

- **250 sena ilu, Dun Salv Bonniċi jidħol fl-istorja tal-Isla (1762).**

Fis-sena 1761, il-Parroċċa tal-Isla kienet qed titmexxa mill-Kappillan Dun Fortunat Vella. Huwa kien inħatar Kappillan tal-Isla fl-1715, meta kellu biss 23 sena, u issa kien ilu jmexxi l-Parroċċa għall-47 sena sħaħ; u fl-età ta' 70, kien fi stat ta' saħħa mhux daqshekk tajba. Minħabba dan l-istat ta' saħħtu, Dun Fortunat kien issikkat biex jitlob ħalli jingħata Kappillan-Kuġitur bid-dritt tas-suċċessjoni.



*Kwadru tal-Arċipriet Dun Salv Bonnici li jinsab għand il-Kav. Dr. A. Bonnici MD KM, li huwa qarib tiegħu.*

Dan biex ikollu saċerdot bl-obbligi, dmirijiet u drittijiet daqs il-Kappillan innifsu, u filwaqt li hu jibqa' l-Kappillan, il-Parroċċa tkun tista' titmexxa aħjar.

Dun Fortunat innifsu ippropona lil Dun Salv Bonnici, mill-Belt Valletta, li dak iż-żmien kellu 26 sena. Dun Salv beda f'din il-kariga fl-1762 u maż-żmien kellu jidħol b'mod mill-aktar qawwi fl-istorja tal-Parroċċa tal-Isla. Huwa sar Kappillan fl-1778 mal-mewt ta' Dun Fortunat Vella, wara li kien ilu għal 16-il sena sħaħ mgħobbi bil-piż tal-Parroċċa, mingħajr ma seta' jgħid li hu kien il-Kappillan. Dun Salv jibqa' magħruf l-aktar għal żewġ affarijiet. Huwa kien kiteb dokument magħruf bħala *Memorie Ecclesiastiche* li fih ġabar tagħrif li kien hemm imxerred 'l hawn u 'l hinn dwar l-imgħoddi tal-Parroċċa u żied ukoll dwar dak li ġara fi żmienu. Imma huwa jibqa' aktar magħruf għax kien hu li l-ewwel fassal l-idea u mbagħad tħabat u stinka biex il-knisja Parroċċa tal-Isla tingħata id-dinjità ta' Kolleġġjata Insinji b'kapitlu ta' Kanonċi. Meta dan il-ġieħ ingħata fl-1786, huwa sar l-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata Sengleana.

- **225 sena mill-bini tal-Kappella tas-Sagrament (1787).**

Fil-ħsieb tal-Maġisteru tal-Knisja, wieħed mill-iskopijiet ewlenin għat-twaqqif tal-Kolleġġjata kien illi l-funzjonijiet liturġiċi isiru b'aktar solennità. Dan hu rekwiżit preskritt marbut ma' dan it-titlu, u għalhekk il-Kanonċi ta' Knisja Kolleġġjata kienu obbligati jaqdu dawn id-dmirijiet billi jinġabru flimkien kuljum biex jirreċitaw l-Uffizzju Divin u jassistu wkoll għall-Quddiesa Kantata Konventwali. Peress li hu wkoll mitlub li dawn il-funzjonijiet isiru fuq l-artal maġġur tal-knisja, skont il-Kanoni tar-Rit Latin, is-Sagrament ma setax jibqa' jinżamm fuq dan l-artal. Dan biex il-waqtiet twal tal-funzjonijiet ma jtellfux lill-fidili mill-qima lejn is-Sagrament u l-Ewkaristija miżmuma fit-Tabernaklu. Minħabba f'hekk, is-Sagrament Imqaddes kellu jinżamm f'kappella separata.

Għalhekk fi żmien meta kienet qed tiġi pproċessata t-talba għall-għoti tad-dinjità tal-Kolleġġjata lill-knisja tal-Isla, sar rikors lill-Isqof Vincenzo Labini, biex tinbena kappella ġdida fejn kien l-artal iddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni, u li fuqu kien hemm in-niċċa bl-istatwa ta' Marija Bambina, biex fiha jinżamm is-Sagrament. Dan ir-rikors intlaqa', u fit-2 ta' Lulju 1784 tqiegħdet l-ewwel ġabla. Din il-kappella inbniet fuq disinn tal-Arkitett Salvu Cachia, u bi skultura ta' Feliċ Zahra, ħu l-pittur Francesco Zahra.



*Il-Kappella tas-Sagrament wara li sofriet minn attakki tal-għadu fit-tieni gwerra dinjija. Tidher sewwa n-niċċa fejn kienet titqiegħed l-istatwa ta' Marija Bambina.*

Sa ma l-knisja saret Kolleġġjata bil-Bolla *Exigit Apostolici Ufficii* tal-Papa Piju VI tal-21 ta' Mejju 1786, u l-pussess tal-ewwel Kanonċi fis-7 ta' Settembru tal-istess sena, il-kappella kienet għadha mhix lesta. Għalhekk, għal kważi tul ta' sena, is-Sagrament kien jinżamm fuq l-artal maġġur tal-Oratorju tal-Kurċifiss. Iżda fl-ewwel xhur tas-sena 1787, din il-kappella tlestiet minn kollox u saħansitra sar artal tal-irħam ġdid b'tabernaklu fejn tinżamm l-Ewkaristija Mqaddsa. F'Settembru tqiegħed fiha is-Santissimu Sagrament biex din il-

kappella bdiet tintuża għall-iskop nobbli li għalih inbniet.

Din is-sena jaħbat ukoll il-mitt sena minn meta saru t-tabernaklu u l-kustodja tal-fidda fuq l-artal tal-Kappella tas-Sagrament. Dawn kienu mogħtija bħala rigal lill-Kolleġġjata mill-Kan. Dun Ġużepp Bonanno li fl-1927 sar Arċipriet tal-Isla.

- **175 sena mit-twelid ta' Achille Ferres (1837).**


*Il-kittieb storiku Senglean Achille Ferres (1837 - 1907).*

Fis-7 ta' Lulju 1837- 175 sena ilu - fl-Isla twieldet tarbija tifel fil-familja ta' Franġisku Ferres u martu Franġiska fi xbubitha Bertis. Fil-magħmudija li saret l-għada fil-Kolleġġjata Sengleana mill-Kan. Dun Ġwakkin Audibert, dan it-tifel ingħata l-isem ta' Achille. Maż-żmien, hu kellu jkun personalità importanti fl-istorja ta' din il-Belt, bħala kittieb u storiku ta' kalibru għoli. Achille minn ċkunitu wera dispożizzjoni qawwija lejn l-iskola u t-tagħlim; tant li ta' 18-il sena ġa kien surmast ta' Skola Primarja fil-Belt Valletta.

F'żgħożitu huwa kien imgħobbi b'ħafna ħidmiet ta' responsabbiltà kbira. Wara li ġa kien ippubblika xi xogħlijiet, fl-1862 huwa ħareġ l-ewwel kitba importanti tiegħu dwar l-oriġini ta' diversi ismijiet ta' lokalitajiet f'Malta. Fl-1866 huwa ppubblika wieħed mill-aktar xogħlijiet magħrufa tiegħu *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo,* liema kitba ġiet amplifikata b'kitba importanti oħra tal-1887 bit-titlu *Storia Ecclesiastica di Malta.* Dawn iż-żewġ kitbiet meħudin flimkien, jiffurmaw il-bażi tal-fama li kiseb Ferres bħala kittieb storiku. Bejn dawn iż-żewġ dati, u anke wara, hu kiteb għadd ġmielu ta' kotba fuq suġġetti varji, fosthom ktieb voluminuż dwar l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, kotba dwar il-Grammatika, u oħrajn dwar il-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu, il-Madonna u ta' xi Qaddisin.

Għad illi l-kitbiet tiegħu mhux dejjem huma aċċettati b'mod assolut mill-istoriċi, l-aktar f'dak li jirrigwarda dati, huwa baqa' għal dan it-tul ta' żmien punt importanti ta' riferiment għall-informazzjoni u konsultazzjoni. Achille Ferres miet fil-Belt Valletta fl-1 ta' Frar 1907 fl-eta ta' 69 sena.

- **100 sena mill-użu tal-Mazza mill-Kapitlu Senglean (1912).**

Għad illi l-knisja tal-Isla kienet ilha bid-dinjità ta' Kolleġġjata sa mis-sena 1786, id-dritt tal-użu tal-mazza lill-Kapitlu Senglean, ingħata fis-sena 1912, 126 sena wara li l-knisja ingħatat id-dinjità ta' Kolleġġjata Insinji. Il-mazza hija insinji li tista' tintuża waqt il-funzjonijiet liturġiċi kollha, inklużi l-purċissjonijiet, biss kull fejn hemm Kapitlu ta' Kanonċi. Il-Kapitlu tal-Isla, fil-bidu tas-sena 1912, meta l-Kan. Dun Ġużepp Adami kien Arċipriet, għamel talba lill-Papa, illum Qaddis, Piju X, biex il-Kapitlu


*Il-mazza proviżorja li ntużgħat għall-Festa tal-1912.*

jibda jgawdi dan id-dritt. L-Arċisqof Pietru Pace, issekonda din it-talba bil-kundizzjoni li l-mazza tintuża biss kolleġġjalment, jiġifieri meta jkun qed jiffunzjona l-Kapitlu flimkien, u mhux xi Kanonku waħdu. It-talba ġiet aċċettata mill-Kongregazzjoni tal-Konċilju nhar it-30 ta' Mejju 1912.

Wara li għall-bidu saret mazza temporanja minn lampier tal-fidda li kien imwarrab, f'Novembru 1912 il-Kapitlu ordna waħda tal-fidda fuq linji klassiċi għand id-Ditta Busuttil tal-Belt. Din il-mazza, li għadha tintuża sal-lum, hija tal-fidda, b'figuri ta' erba' persunaġġi nisa mill-Antik Testment, jiġifieri Debora, Abigajl, Ġuditta u Ġagħel, fuq il-pjattaforma ewlenija, u l-istemmi tal-Papa Piju VI, tal-Papa Piju X, tal-Isqof Pietru Pace u dik tal-Kolleġġjata mad-dawra tal-istess pjattaforma. Elevata fuq pedestall 'il fuq mill-istatwetti msemmija, tiddomina statwa ċkejkna ta' Marija Bambina.

Għall-festa tas-sena 1912, qeda d-dmirijiet ta' mazzier, l-istess persuna li kien mazzier tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. Imbgħad, il-Kapitlu nkariga persuna biex taqdi dan id-dover, u saret uniformi adattata għal dan is-servizz. Kollox iżżanżan fil-festa tal-1913.

- **75 sena mill-għoti tal-permess għal Quddies quddiem il-Bambina (1937).**

Wara l-Inkurunazzjoni solenni tal-istatwa ta' Marija Bambina b'digriet tal-Kapitlu tal-Vatikan u Bolla tal-Papa Beneditti XV, fl-4 ta' Settembru 1921, il-Kapitlu tal-Bażilika Sengleana, kien ħa ħsieb biex isir artal li jkun jista' jintrama quddiem din l-Istatwa Santwarju kull meta tkun esposta fil-knisja. Dan bil-ħsieb li fuqu jitqaddes, b'mod regolari, Quddies quddiem din ix-Xbieha. Dan l-artal ġie ddisinjat minn Mastru Mikiel Degiovanni, disinjatur magħruf Senglean li kien ġa għamel bosta disinji sbieħ għal xogħlijiet fil-knisja, kif ukoll għall-armar tat-toroq Sengleani fil-jiem tal-festa titulari. L-artal inħadem fl-injam tal-ġews minn Pawlu Degiovanni, ħu l-istess disinjatur. Mill-ewwel sena wara l-Inkurunazzjoni beda jitqaddes il-Quddies fuq dan l-artal fil-jiem tan-Novena u fil-Festa. Imma peress li qatt ma kienet intalbet, jew ġiet mogħtija l-awtorizazzjoni uffiċċjali mill-Kurja biex dan isir, l-Arċisqof Dom Mauro Caruana, li kien hu stess li nkuruna x-Xbieha tal-Bambina, ma tantx kien favorevoli għal din l-użanza. Għalhekk, sabiex din id-drawwa ma titqiesx aktar bħala abbuż, fl-1935 tressaq rikors fil-Kurja mill-Primiċerju tal-Kapitlu, il-Kan. Dun Arturo Bonniċi biex din is-sitwazzjoni tiġi rettifikata. Iżda dan ir-rikors ma ġiex aċċettat; kif lanqas ma ġie aċċettat rikors ieħor li sar fl-1936. Imma sa fl-aħħar, meta fl-1937 – 75 sena ilu – reġa' sar rikors, din id-darba mill-Arċipriet il-Kan. Dun Ġużepp Bonanno, dan ġie aċċettat, u għalhekk, ix-xewqa tal-Kapitlu ntlaqgħet.

Minn dik is-sena 'l quddiem, il-Quddies fuq l-artal proviżorju armat quddiem l-Istatwa Inkurunata ta' Marija Bambina matul in-Novena u l-jiem tal-festa, baqa' jsir regolarment.



*Il-Bambina armata bl-artal quddiema fil-Knisja l-antika qabel il-gwerra.*